**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Diċembru 2021 – HG vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-693/16 P RENV-RX)** ([1])

***("Appell – Servizz pubbliku – Uffiċjali – Assenjazzjoni f'pajjiż terz – Akkomodazzjoni ta' daqs adatt għal familja mqiegħda għad-dispożizzjoni mill-amministrazzjoni – Nuqqas ta' osservanza tal-obbligu li wieħed jirrisjedi fiha mal-familja – Proċeduri dixxiplinari – Sanzjoni dixxipplinari ta' sospensjoni ta' avvanz fl-iskala – Kumpens għad-dannu mġarrab mill-Unjoni – Artikolu 22 tar-Regolamenti tal-Persunal – Ċaħda tar-rikors fuq il-mertu – Annullament wara appell – Sentenza wara appell eżaminata mill-ġdid mill-Qorti tal-Ġustizzja u annullata – Kawża mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġenerali")***

(2022/C 73/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* HG (rappreżentant: L. Levi, avukata)

*Appellat:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Bohr, aġent, assistit minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (l-Għaxar Awla) tad-19 ta' Lulju 2016, HG vs Il-Kummissjoni (F-149/15, EU:F:2016:155), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

1) Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tad-19 ta' Lulju 2016, HG vs Il-Kummissjoni (F-149/15), hija annullata.

2) L-ammont tal-kumpens għad-dannu dovut minn HG lill-Unjoni huwa ffissat għas-somma ta' EUR 80 000 fil-jum tal-għoti ta' din is-sentenza.

3) Il-kumplament tar-rikors fil-Kawża F-149/15 huwa miċħud.

4) HG u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess fil-Kawżi F-149/15, T-693/16 P, T-440/18 RENV u T-693/16 P-RENV-RX.

([1]) ĠU C 441, 28.11.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Diċembru 2021 – Dyson *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-127/19)** ([1])

***("Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Enerġija – Direttiva 2010/30/UE – Indikazzjoni, permezz ta' ttikkettar u informazzjoni standard dwar il-prodott, tal-konsum tal-enerġija – Regolament Delegat (UE) Nru 665/2013 – Tikkettar enerġetiku tal-vacuum cleaners – Effikaċja enerġetika – Metodu tal-kejl – Annullament mill-Qorti Ġenerali – Ksur suffiċjentement serju ta' regola tal-liġi maħsuba biex tagħti drittijiet lil individwi")***

(2022/C 73/38)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Dyson Ltd (Malmesbury, ir-Renju Unit) u l-14-il rikorrent l-ieħor li isimhom jinsab fl-anness għas-sentenza (rappreżentant: E. Batchelor, T. Selwyn Sharpe u M. Healy, solicitors)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-F. Brakeland, Y. Marinova u K. Talabér-Ritz, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża għal kumpens tad-dannu li r-rikorrenti allegatament sofrew minħabba l-illegalità tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 665/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-vacuum cleaners (ĠU 2010, L 153, p. 1, u rettifika fil-ĠU 2017, L 59, p. 40).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Dyson Ltd u r-rikorrenti l-oħrajn li isimhom jinsab fl-anness huma kkundannati ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(1) ĠU C 139, 15.4.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Diċembru 2021 – Ċipru vs EUIPO – Fontana Food (GRILLOUMI)**

**(Kawża T-556/19)** (1)

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea GRILLOUMI – Trade marks ta' ċertifikazzjoni nazzjonali verbali preċedenti ΧΑΛΛΟΥΜΙ HALLOUMI – Raġunijiet relattivi għal rifjut – Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni – Xebh tas-servizzi u tal-prodotti – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar Artikolu 8 (1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")***

(2022/C 73/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika ta' Ċipru (rappreżentanti: S. Malynicz, QC, S. Baran, barrister, u V. Marsland, solicitor)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Fontana Food AB (Tyresö, l-Iżvezja) (rappreżentanti: P. Nihlmark u L. Zacharoff, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tad-29 ta' Mejju 2019 (Każ R 1284/2018-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u Fontana Food.

**Dispożittiv**

1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tad-29 ta' Mejju 2019 (Każ R 1284/2018-4) hija annullata

2) L-EIPO hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mir-Repubblika ta' Ċipru.

3) Fontana Food AB għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.

(1) ĠU C 328, 30.9.2019.

---